A.L. 154 ta' l-2007

ATT TA' L-2007 LI JIMPLIMENTA MIŻURI TA' L-ESTIMI (ATT NRU. IV TA' L-2007)

ORDINANZA DWAR SELF LOKALI (*STOCK* U TITOLI REĠISTRATI) (KAP. 161)

Direttiva mill-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għall-Ħruġ ta' Lm15,000,000 5.9% Stock tal-Gvern ta' Malta 2015

(IT-TIENI ĦRUĠ)
Fungibility Issue

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Att ta' l-2007 li Jimplimenta Miżuri ta' l-Estimi u bl-artikolu 4(1)(a) ta' l-Ordinanza dwar Self Lokali (*Stock* u Titoli Reġistrati), il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi awtorizza li l-ħruġ ta' Lm15,000,000 5.9% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2015(II) *Fungibility Issue* jiġi maħruġ kif ġej:-

Mod tal-Ħruġ ta' l-iStock.

1. L-i*Stock* jinħareġ skond kif stipulat fil-prospett.

Policy dwar l-allokazzjoni ta' Stock.

2. Kull persuna u, jew enti jistgħu japplikaw għal dan l-i*Stock*. It-tqassim ta' l-i*Stock* isir kif hemm spjegat fil-prospett.

Negozju fil-Borża ta' Malta. Kap.345.

3. (a) Skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, meta dan l-i*Stock* jiġi allokat, għandha ssir applikazzjoni sabiex l-i*Stock* jitqiegħed fuq il-lista uffiċjali u biex ikun negozjat fil-Borża ta' Malta.

(b) Fl-10 ta' Ottubru, 2007, wara l-pagament ta' l-ewwel mgħax, dan l-i*Stock* jiġi integrat ma' l-i*Stock* eżistenti 5.9% *Stock* tal-Gvern ta' Malta 2015(II) u wara dawn iż-żewġ *Stocks* jitqiesu bħala *Stock* wieħed.

Somma ta' flus li għandha tinġabar

4. Is-somma ta' flus li għandha tinħabar bl-i*Stock* hi ta' Lm15,000,000. L-*Accountant General* jirriżerva d-dritt li jżid is-somma li għandha tinġabar b'massimu ta' Lm15,000,000.

Rata ta' mgħax u dati tal-ħlas.

5. L-imgħax bir-rata ta' Lm 2.95,0 għall kull Lm100 *Stock* jitħallas kull sitt xhur b'lura fid-9 ta' April u fid-9 ta' Ottubru ta' kull sena sakemm idum l-i*Stock*. L-ewwel ħlas pro rata relattiv għall-perjodu bejn it-28 ta' Ġunju, 2007 u d-9 ta' Ottubru, 2007 jsir fid- 9 ta' Ottubru, 2007.

Fidwa ta' Stock.

6. L-i*Stock* għandu jiġi mifdi b'parità fid-9 ta' Ottubru, 2015.